**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Novembru, 2022**

**Talba Nru: 264/2022MD**

**Mizzi Clayton (I.D. 125988M)**

**Vs**

**Kalatsov Deniss (I.D. 149821A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Settembru, 2022[1] permezz ta' liema l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' elf, tlett mija, erbgha u disghin Ewro u sitta u sebghin centezimu (€1,394.76) rapprezentanti hlas dovut ghall-kirja ta' karozza tal-kiri flimkien ma spejjez relatati, inkluz VAT, liema somma l-konvenut baqa' ma hallasx nonostante li gie interpellat diversi drabi, bl-imghax u bl-ispejjez skont il-ligi kontra l-konvenut.

---

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-process.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti tat-13 ta' Ottubru, 2022,[2] tal-25 ta' Ottubru, 2022,[3] u tat-8 ta' Novembru, 2022.[4]

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tal-attur fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2022[5] u fil-fatt il-konvenut ma dehrx sabiex jirrispondi ghalih ghas-seduta tat-8 ta' Novembru, 2022.

Ra x-xhieda ta' Clayton Mizzi[6], fejn ikkonferma li l-ammont ta' ta' elf, tlett mija, erbgha u disghin Ewro u sitta u sebghin centezimu (€1,394.76) ghadu dovut u ilu dovut mis-26 ta' Awissu, 2022.

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirrizulta kkonfermata wkoll mix-xhieda ta' Clayton Mizzi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talbiet attrici, jikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lill-istess attur, is-somma ta' elf, tlett mija, erbgha u disghin Ewro u sitta u sebghin centezimu (€1,394.76) rapprezentanti hlas dovut ghall-kirja ta' karozza tal-kiri flimkien ma spejjez relatati, inkluz VAT, bl-imghax dekorribbli mis-26 ta' Awissu, 2022 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu unikament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Gudikatur**

[2] *A fol* 5 tal-process.
[3] *A fol* 6 tal-process.
[4] *A fol* 8 tal-process.
[5] *A fol* 7 tal-process.
[6] *A fol* 8 tal-process; verbal datat 8 ta' Novembru, 2022.